# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 37**
**Rikors Guramentat Numru : 617/2014/LSO**

**Emanuel Agius [KI 630055M] u Maria Grazia Agius.**

**vs**

**Philip Agius [KI 563040M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Emanuel Agius et datat 10 ta' Lulju 2014 fejn espona: -

Illi huma ilu snin sa minn zmien missier ir-rikorrenti, okkupaw raba’ maghruf bhala Ta’ Gharram *sive* Tal-Hruf gewwa Haz-Zebbug;

Illi huma kienu inizjalment jokkupaw dan ir-raba’ b'mera tollorenza da parti tal-intimat li anke f’xi zmien kien jithallas talli kien ihalli lill-esponenti jokkupaw l-imsemmi raba`;

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet inversi numru 292/2009 deciza mill-Qorti tal-Appell [Sede Superjuri] l-esponenti gie ordnat jizgombra minn l-imsemmi raba’ peress li kien qed jokkupa bla titolu;

Illi pero` fil-mori ta' dawk il-proceduri, l-esponenti gew rikonoxxuti minn sid l-ghalqa, ossia l-Gvern, minn l-Ufficcju Kongunt bhala it-titular tal-imsemmi raba’ u anke bdew ihalsu l-qbiela fuq l-imsemmija raba`;

Illi ghalhekk llum il-gurnata l-esponenti huma l-inkwilini rikonoxxuti u ma jistghux jigu ordnati jizgumbraw minn raba’ li huma jgawdu titolu ta' qbiela fuqu;

Ghalhekk l-esponenti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:-

1. Tiddikjara li l-atturi rikorrenti jgawdu minn titolu ta' qbiela fuq ir-raba’ maghruf bhala Ta' Gharram, *sive* Tal-Hruf gewwa Haz-Zebbug proprjeta` tal-Ufficcju Kongunt;

2. Konsegwentement tordna illi l-intimat fic-cirkostanzi kif zviluppaw jiddesistu milli jizgombru lill-atturi mir-raba’ mertu tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez u b' hekk l-intimat minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Philip Agius (ID 563040M) datata 5 ta' April 2014 (fol 9) fejn espona :

1. IIIi preliminarjament l-azzjoni hija nsostenibbli in kwantu tikkoncerna l-ewwel talba, *stante* li kif ammess minn Emanuel Agius stess, l-imsemmi Philip Agius ottjena sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi, deciza anke fl-appell fit-30 ta' Mejju 2014 (Citaz Nru 292/09), u li permezz taghha Emanuel Agius gie ordnat jizgombra mir-raba' *de quo*. Din il-pretensjoni hija ghalhekk res gudikata.

2. IIIi preliminarjament anki t-tieni talba hija nsostenibbli *stante* li Emanuel Agius diga' gie zgumbrat mir-raba' *de quo* permezz ta' mandat ta' zgumbrament ezegwit regolarment u Philip Agius diga' qieghed jipposjedi l-ghalqa in kwistjoni.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li Philip Agius illi jiddetjeni r-raba' in kwistjoni ghal snin shah u ghal daqstant zmien ilu jigi rikonoxxut bhala l-inkwilin legittimu mill-Ufficcju Kongunt.

4. Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Edward Gatt ghall-atturi prezenti u Dr Gavin Gulia ghall-intimat prezenti. Il-Qorti *in vista* tar-risposta guramentata ordnat l-allegazzjoni tal-atti Cit Nru 292/2009 fl-ismijiet "Philip Agius vs Emanuel Agius" deciza fit-30.05.2014 mill-Qorti tal-Appell. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-25 ta' Novembru 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 3 ta’ Frar 2015 a fol 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 15 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Gavin Gulia ghall-konvenut prezenti u Dr Edward Gatt ghall-atturi, prezenti l-attur. Dr Gulia ghazel li jitratta billi ma prezentax nota ta’ sottomissjonijiet fil-mori. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza qed tinghata fuq l-ewwel eccezzjoni, li hija eccezzjoni ta' natura legali, sollevata mill-intimat fejn gie eccepit li din il-kawza, hi ostakolata bil-gudikat ta’ sentenza fl-ismijiet inversi deciza anke fl-Appell fit-30 ta’ Mejju 2014 (Philip Agius vs Emanuel Agius 292/04).

Kif sancit **fl-Artikolu 730 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta, l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza

b'kap separata qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita` tas-sentenza. ("**Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe",** Appell Kummerc, 10 ta' Dicembru 1954).

Inoltre`, eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hija wahda ta' natura strettament guridika. Huwa importanti pero`, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja, izda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedent, fil-kaz *de quo,* dik is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2014.

L-"*exceptio rei judicatae*" ghandu bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, wkoll ghaliex "*interest rei pubblicae ut sit finis litiu*" ("**Francesco Aquilina vs neg. Giuseppe Gasan** et", Appell Kummerc**,** deciz fil-5 ta' Novembru 1934).

It-tifsira ta' *res judicata* giet ben definita mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fil-kaz fl-ismijiet **"Dr Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe"**, deciz fil-5 ta' Ottubru 1992 fejn gie ritenut li:

"*Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – 'res judicata pro veritate habetur' – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija ta' "strictissimae interpetationis". Min-naha l-ohra fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li*

*tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata, jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li trid il-ligi ma ssir l-ebda procedura ohra li tattaka s-sentenza."* (Ara **"Cassar Parnis vs Soler"** - 11 ta' Marzu 1949 – Kollez Vol XXXIII.ii.344, u **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et"** deciza mill-Prim' Awla fil-25 ta' Settembru 2003, u **"Johanna Ganado vs Edward Degaetano"** - P.A. deciza fl-10 ta' Novembru 2015). Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga tezisti waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza. (Ara **"Farrugia vs Borg Reville et "** – deciza mill-Prim' Awla fis-27 ta' Gunju 1995).

Illi minhabba l-fatt li din l-eccezzjoni timmina li twaqqaf l-azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tinghata interpretazzjoni stretta. Hekk kif intqal fil-kaz **"Caterina Gerada vs avukat Dottor Antonio Caruana,** deciz fis-7 ta' Marzu 1958*,"…l-eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto.*" Il-**Mattiriolo** ighid:"*sta soltanto nel dispositivo onde e` principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte dispositiva, non nei motivi*." **(Diritto Giudiziario Civile Vol 28).**

Illi f'dan il-kuntest, huwa risaput pero`, illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza ta' tlett elementi u cjoe`, *eadem personae, eadem res, u eadem causa petendi.* **("Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 1998); **"Doris Attard vs Julian Borg et"** (Qorti tal-appell- 28 ta' Gunju 2001); u **"Edmea Pace vs Edward pavia"** (P.A. -

3 ta' Lulju 2003) **"Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri"** (Q.A. - 10 ta' Ottubru 2003) **"Carmelo Zammit et vs Bartolomeo Xuereb"** – (P.A. 19 ta' Jannar 2011), **"Burlington Holdings vs Korporazzjoni Enemalta"** (P.A. - 12 ta' Jannar 2011).

Dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt, fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza tal-kawzali. Ghalhekk, huwa importanti li jikkonkorru dawn it-tlett elementi.

***Eadem personae*** - il-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet.
***Eadem res***: - l-identita` tal-oggett tal-gudizzju
***Eadem causa petendi*** – il-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat.

Ghal dak li jirrigwarda l-element ta' 'eadem res' inghad li din "*tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat*." (**Rabat Construction Ltd. vs Cutajar Construction Co. Ltd.** P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 2002). Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghal talba gdida, ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak

li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Kien affermat ukoll li hemm lok ghall- eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kaz ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (ara: Qorti tal-Appell Kummercjali: **Dr Jose` Herrera noe. Vs Anthony Cassar et noe –** 5 ta' Ottubru 1992 - Kollez. Vol XXX.I.131).

Intqal inoltre` illi ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedotta fl-ewwel citazzjoni (Ara **"Antonio Avela vs Giuseppe Fenech"** – P.A. – 28 ta' Frar 1946; u Appell Civili **"Eugenio Borg vs Saveria Farrugia"** - 31 ta' Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawza ohra jiftah it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diga gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li diga tkun ghaddiet in gudikat. (Ara **P.L. Roberto Tabone noe. Vs Joseph Cannataci** – P.A. – 6 ta' Marzu 1946). Isegwi illi "*sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*" (Qorti tal-Appell Civili- **Caterina Gerada vs Av. Antonio Caruana-** 7 ta' Marzu 1958).

Illi ghar-rigward tar-rekwizit ta' l-*eadem causa petendi* din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. **Professur Caruana Galizia** f' "Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) (citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-kaz **Jan Christian Nygaard vs Carmen Nygaard (**PA JZM- 15 ta' Settembru 2014) jispjega illi l-"*causa petendi*" hija "*the title on which the demand is based*". Illi ghalhekk din hija t-titlu, cioe`, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex l-kundizzjoni ta' l-"*eadem causa petendi"* tirnexxi, irid jigi ppruvat il-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, lli giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Meta kwistjoni tkun definittiva u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga tezisti fl-ewwel kawza. Mhux lecitu li terga' ssir proposta bl-istess domanda biex tinnewtralizza decizjoni precedenti billi ggib 'il quddiem ragunijiet jew provi li jkun jaf bihom, jew li seta' u messu gab fil-kors tal-process l-iehor. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghal dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutieh biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi *tal-'causa petendi'.*__(Ara **"Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Co. Ltd. -** P.A. deciza fl-4 ta' Gunju 1999, u **"Joseph Portelli vs Joseph Stellini et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta'Ottubru 2015). Fil-fatt, din l-

ahhar sentenza tal-Qorti tal-Appell tirreferi ghall-kaz **Giuseppe Mizzi et vs Joseph Sacco** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, li ssemmi li jekk cirkostanzi godda jkunu ssopravenew, l-eccezjoni tal-gudikat ma tregix.

Sabiex *res judicata* tigi eccepita b'success jehtieg li c-cirkostanzi relevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. (Ara **Angelo Bartolo vs Concetta Lautier,** Appell deciz fid-29 ta' April 1966. Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. (Ara **Peter Paul Muscat vs Giuseppe Muscat** Appell deciz fit-30 ta' Gunju 1969).

Ghalhekk, meta zewg gudizzji bejn l-istess partijiet ghandhom b'oggett l-istess rapport jew negozju guridiku, ir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni ta' fatt jew ta' dritt kostitwenti l-premessa guridika tad-decizjoni ta' wahda minnhom tipprekludi r-ri-ezami fil-process l-iehor tal-istess punt accertat jew rizolut. (Ara **Gauci Martin vs K.M.L. Manufacturing Ltd.** deciza fl-14 ta' Novembru 2007).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fis-sentenza taghha, din il-Qorti kif diversament presjeduta iddecidiet billi:

*"Il-Qorti hi disposta li taccetta li l-konvenut kien qed ihallas il-qbiela tas-sena 2000 u allura kellu rapport sullokatizju mal-attur; madankollu hu wkoll car li dak ir-rapport gie nieqes malli ddecieda hu stess li ma jibqax ihallas. Ghalhekk, hu m'ghadx ghandu titolu x'jivvanta fil-konfront tal-attur."*

F'din is-sentenza tal-Prim' Istanza, saret ukoll referenza ghall-kaz **Savior Zammit vs Joseph Galea et,** Qorti tal-Appell, datata 30 ta' Marzu 2001, fejn inghad:
"…*ma kienx bizzejjed li l-konvenut jipposjedi l-fond bis-sahha ta' relazzjoni guridika legittima, kienet x'kienet li kellu ma xi hadd, kien min kien. Izda, kellu jirpprova li tali relazzjoni guridika legittima kienet tezisti bejnu u bejn l-atturi*."

Dik l-azzjoni tal-Prim' Istanza kienet kawza ghal zgumbrament mill-art in kwistjoni abbazi ta' nuqqas ta' titlu skont il-ligi. Din is-sentenza fil-Prim' Istanza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-30 ta' mejju 2014. F'dan il-kaz, qed jintalab li l-Qorti tindaga u tezamina jekk l-atturi ghandhomx fil-fatt titolu ta' qbiela stante li Emanuel Agius qed ihallas il-qbiela lill-Ufficju Kongunt, u gie sostnut li qed jigi rikonoxxut mill-Ufficju Kongunt. Ghalhekk, bhala konsegwenza, qed jintalab li Philip Agius jiddesisti milli izgombra lill-attur.

Fl-ewwel lok, ghandu jigi sottolineat li gie ormai deciz mill-Qorti tal-Appell, li Emanuel Agius kellu jizgombra mir-raba` mertu tal-kaz.

Huwa utli li jigi riprodott estratt relevanti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' mejju 2014 fejn ikkunsidrat li:

"*Mill-analizi tal-provi jidher b'mod car li l-attur appellat huwa l-uniku inkwilin rikonoxxut mill-ufficju kongunt tar-raba` mertu ta' din il-kawza*".

"*In vista tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut appellant ma rnexxilux jissodisfa, b'mod car u inekwivoku, li hu ghandu xi titolu prestestwozament vantat minnu, inkluz dik tas-sullokazzjoni, fuq ir-raba' in kwistjoni. Irrizulta ampjament pruvat li l-pussess tieghu kien wiehed tollerat mill-attur appellat, jigifieri mill-inkwilin rikonoxxut tar-raba' odjern, sakemm deherlu mod iehor. Din it-tolleranza llum spiccat bil-manifestazzjoni tal-attur appellat lill-konvenut appellant sabiex dan jizgombra mir-raba` u l-konvenut ghalhekk m'ghandux triq ohra hlief li jobdi t-talba tal-istess attur appellat u johrog minn dan ir-raba.*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti miz-zewg partijiet, ma temminx li hemm raguni jew ragunijiet serji u gravi bizzejjed li sabiex tiddisturba s-sentenza appellata."*

Jigi dedott li l-unika diversita` bejn id-decizjoni tal-Prim' Istanza u bejn id-decizjoni tal-appell hi fis-sens li fl-ewwel Istanza, intqal li kien hemm rapport sullokatizju, filwaqt li l-Qorti tal-Appell affermat li ma kien hemm  l-ebda rapport sullokatizju bejn il-partijiet fil-kaz.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti Agius hallew is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tghaddi in gudikat meta ma talbux ir-ritrattazzjoni quddiem l-istess Qorti tal-Appell.

Fil-mertu, m'hemm l-ebda dubju li z-zewg kawzi, dik precedenti u dik odjerna ghandhom bhala bazi u pern tal-azzjoni l-izgumbrament *o meno* ta' Emanuel Agius mir-raba` in kwistjoni.

Barra minn hekk, jirrizulta evidentement mill-atti tal-kawza li l-Qorti tal-Appell, diga pronunzjat ruhha b'mod definittiv dwar il-vertenza vvantata mir-rikorrenti fil-kaz odjern.

Din il-Qorti tosserva li dak mitlub u sostnut f'dan il-kaz, u cjoe` li fil-mori tal-proceduri tal-appell, gew rikonoxxuti mill-ufficju kongunt bhala titulari tal-imsemmi raba diga kienet ingiebet a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, qabel inghatat is-sentenza. Difatti jirrizulta li kien gie pprezentat rikors b'dokumenti annessi (*vide* fol 16 *et seq* tal-inkartament tal-Qorti tal-Appell esebit fil-process) li juru li r-rikorrenti hallsu l-qbiela lill-Ufficju Kongunt fis-snin 2010 sa 2013.

Sussegwentement, kienet dahlet ir-risposta bid-dokumenti annessi tal-kontro-parti, u in segwitu fit-28 ta' Marzu 2014, l-Qorti tal-Appell qalet li tehtieg aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza proprju wara l-esebizzjoni ta' dawn id-dokumenti li juru l-qbiela li giet imhallsa lill-Ufficcju Kongunt (fol 43 tal-inkartment tal-Qorti tal-Appell, esebit fil-process odjern).

Illi ghaldaqstant, meta nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, jirrizulta lil-Qorti kienet hadet konjizzjoni ta' dawn il-hlasijiet li kienu saru lill-Ufficcju Kongunt, li sa certu zmien kienu saru minn Philip Agius u li sussegwentement bdew isiru mir-rikorrenti Emmanuel Agius. Izda, dan huwa l-istess punt sollevat fil-kaz in ezami, li diga gie trattat sahansitra anke mill-ewwel Qorti, meta ccitat il-kaz **Saviour Zammit vs Joseph Galea et,** (Qorti tal-Appell deciza fit-30 ta' Marzu 2001), fejn inghad li r-relazzjoni

guridika kellha tezisti mal-partijiet bejniethom, u mhux ma' xi hadd iehor.

Certament dan l-aspett li r-rikorrent Agius hallsu il-qbiela u gew rikonoxxuti mill-Ufficju Kongunt zgur ma jammontax ghal cirkostanzi godda li ssopravenew wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Hawnhekk, ta' min ighid li l-Qorti ma tistax tippermetti sitwazzjoni fejn persuni li jidhrilhom li ma hadux sodisfazzjoni bizzejjed jerghu jirrikorru ghall-Qorti ghall-istess haga sabiex forsi din id-darba johorgu iktar kuntenti.

Illi rigward l-elementi rikjesti mil-ligi ghas-success tal-eccezzjoni sollevata, minn ezami ta' sentenza citata mill-intimat, u cjoe` l-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell (292/09), *ai fini* tal-eccezzjoni, jirrizulta li l-element tal-***eadem personae*** minghajr ebda dubju huwa sodisfatt.

Illi rigward l-***eadem res*, l-ezami li sar mill-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni kien jekk ir-rikorrenti Agius kellhomx titolu validu skont il-ligi, u fin-nuqqas ta' dan gie ordnat l-izgumbrament. Ghalhekk, l-element ta' *eadem res* huwa wkoll sodisfatt billi l-izgumbrament gie ordnat u l-kwistjoni tat-titlu gie deciz definittivament anke *in vista* tal-qbiela mhallsa lill-Ufficju Kongunt.

Riferibbilment ghat-tielet element tal-***eadem* causa petendi**, tqis li l-azzjoni odjerna mhix talba specifikatament ghal zgumbrament, izda biex l-intimati jiddezistu milli jizgumbraw lir-rikorrenti Agius. Il-mira tal-azzjoni ghalhekk, hija diga deciza definittivament. Konsegwentement, din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti li jirrigwardaw materja li ghaddiet in gudikat permezz ta' sentenza 292/09.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-intimat tiddikjara li din il-Qorti mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti *stante* li din titratta kwistjoni li ghaddiet in gudikat bis-sentenza 292/09 fl-ismijiet Philip Agius vs Emanuel Agius deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-25 ta' Gunju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**